MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-3 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 291/2012

**Bajja Investments Limited C13745**

**vs**

**Marisa Muscat ID 516473M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ is-Socjeta' Attrici qed titlob li l-Konvenuta tigi kundannata thallasha elfejn, erba' mija u disghin Ewro (€2,490.00c) nofs introjtu skond kuntratt definitiv datat 12 ta' April 2010, u dana billi hi tterminat l-impieg bla gusta kawza. Dana kif jiddisponi l-art 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u minkejja li giet interpellata thallas.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

*Il-Konvenuta telqet mill-impieg ghal ragunijiet tajba – ghalhekk ebda ammont mhu dovut.*

*Sussidjarjament, is-Socjeta' Attrici trid tghid kif waslet ghal ammont li hu esagerat.*

II PROVI

1. Dawn li gejjin huma biss siltiet mill-provi izda qed jitqies dak kollu li hemm fil-process.

2. **David Sammut**, Financial Controller ma Le Meridien, qal li l-Konvenuta bdiet l-impieg taghha fit-12/4/2010 bhala Accounts Clerk fid-dipartiment "Finance" u dana b'kuntratt definit ta' sena b'sitt xhur prova. Fit-13/10/2010 tat in-*notice* biex twaqqaf il-kuntratt bla ma tonora l-bqija tieghu. Iddecidiet li tieqaf *full-time* fil-15/12/2010 u tibqa *part-time* sal-01.01.2011. Il-kuntratt kellu jiskadi fil-11/4/2011 u ghalhekk qed jintalab nofs il-kuntratt fl-ammont ta' €2,490.00c

3. In kontro-ezami qal li kienu ftehmu li tahdem *part-time* sal-11/4/2012. Hawn ghadda biex spjega precizament x'kien xoghol il-konvenuta (ara *fol* 34/35). Cahad li ta xi ordni biex hi ma tidholx minhabba nuqqas ta' xoghol. Ordni bhal din ried itiha hu u hadd ma semmielu xi telefonata mill-Konventa. Dana ghax fil-kontroezami ssemma Jonathan Zammit Ass. Fin. Controller li m'ghadux mas-Socjeta' Attrici.

4. **Consuela Vassallo**, Human Resources Executive, ikkonfermat l-impieg li kellha l-Konvenuta u esibiet l-ittra tar-rizenja tal-Konvenuta – Dol A *a fol* 19. Hadmet l-ahhar fil-15/12/2010 u dwar il-ksur tal-kuntratt esibiet l-ittra tal-Kumpanija Dok B *a fol* 20.

5. In konro-ezami qalet li ma kienetx involuta fl-impjegar tal-Konvenuta ghax dak iz-zmien il-HR Manager kien Ray Grech. Ma tafx b'xi arrangamenti ma dan dwar xoghol *part-time*. Taf li wara l-15/12/2010 giet ghax-xoghol tlett ijiem u dan tafu mill-*punching*. Ma taf xejn b'dak li seta qalilha Jonathan Zammit. Il-"workings" li fuqhom inftethet il-kawza kien hadimhom Ray Grech. Esibiet bhala Dok CV (*a fol* 37) l-ahhar "punches" tal-Konvenuta, markati bl-isfar.

6. Il-Konvenuta **Marisa Muscat** qalet li fit-30/10/10 tat l-ittra tar-rizenja. Qalet li kienet kellmet lil David Sammut u tat bhala raguni ghall-pass li hadet li l-ambjent ma kienx joghgobha billi "kien hemm diversi ragunijiet fosthom li kien ikun hemm hafna kliem hazin u dagha f'wicci u l-ambjent ma kienx qed joghgobni". Qalet li sal-15/12/2010 baqghet tahdem *full-time* u wara dahlet *part-time,* bi qbil ma David Sammut, biex tahdem in-*notice* period sa April 2011 li "kont nahdimha wara l-hin tal-ufficcju peress li jien kont naghmel l-*invoices* tat-*tour operators* u dan ix-xoghol sata jsir minghajr il-bzonn li jkolli xi hinijiet specifici". Bhala fatt baqghet tahdem *full-time* sal-15/12/2010. Sabet li ma tantx kienu jhallulha. Meta gharrfet b'dan lis-Sur Sammut qalilha li kienu ser jikkomunikaw maghha f'Jannar 2011 izda minflok irceviet ittra

tfittixhom ghad-danni. Ippruvat tikkomunika ma David Sammut biex tahdem il-bqija tan-*notice*. Kienu jghidulha li kien *meeting* jew ma kienx hemm u qatt ma rrispondilha telefonata .

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL iqis li dan hu suggett delikat hafna fejn minn naha jkollok l-azjenda li trid tmexxi u minn naha l-ohra il-personnel, il-“human resources” li jridu jiffurmaw parti mis-success tal-azjenda. Biex ikollok haddiema li jirnexxu fuq ix-xoghol iridu jhossuhom kuntenti u li huma apprezzati.

2. It-TRIBUNAL kif presedut kellu opportunita’ li jisma u josserva x-xhieda. Josserva li minn naha tas-Socjeta’ Attrici dehru David Sammut, *Financial Controller* li wara li xehed, ma rribattiex xi affarijiet importanti li xehdet dwarhom il-Konvenuta u xehdet Consuela Vassallo, Human Resources Executive li la kienet involuta fl-impieg tal-Konvenuta u anqas fl-arrangamenti li semmiet il-Konvenuta dwar kif din kellha tahdem in-*notice period.*

3. Jigi notat ukoll li ssemmew, bhala li dahlu fl-istorja Ray Grech li kien il-HR Manager fi zmien rilevanti u Jonathan Zammit li kien fit-taqsima tal-*Financial Control* izda dawn ma ngabux jixhdu.

4. It-TRIBUNAL iqis li x-xhieda tal-Konvenuta kienet wahda affidabbli, konsistenti u ragjonevoli. Hi hadmet l-ewwel sitt xhur u l-ambjent tax-xoghol dejjaqha u qalet ghala u riedet titlaq wara li tonora l-obbligi taghha vis-à-vis il-kumpanija u dwar dan ghamlet l-arrangamenti mehtiega. Imbaghad inqatghet il-komunikazzjoni maghha minn naha tal-kumpanija – kif konvincentement spjegat il-Konvenuta bla ma ngiebet prova kuntrarja minn naha tal-Kumpanija.

5. Ghalhekk hu car li dak li talbet il-Kumpanija Attrici ma jistax jigi milqugh.

DECIZJONI

Meqjus dan kollu it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jilqa** l-eccezzjonijiet tal-Konvenuta (2) jichad it-TALBA Attrici u fic-cirkostanzi (3) **jiddeciedi** u jordna li l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------